# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 14 ta' Awissu 2001**

**Citaz.  numru:  2661/97 M4 NA**

**Alexandra Farrugia pro et noe**

**vs**

**Carmel Farrugia**

**Il-Qorti,**

F'dan il-process hemm zewg rikorsi ta' l-attrici li jirrikjedu l-intervent tal-Qorti.  L-**ewwel** rikors gie pprezentat fit-13 ta' Gunju 2000 fejn hija titlob li jigi nominat espert psikologiku "*biex jinvestiga l-komportament u stat psikologiku ta' l-intimat*".

Il-konvenut ma kienx gie notifikat b'dan ir-rikors kif ordnat mill-Qorti fid-digriet taghha tal-11 ta' Settembru 2000.  Huwa pero' ta ruhu b'notifikat fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2000 fejn kien gie appuntat ir-rikors l-iehor li jissemma' aktar tard f'dan

il-provvediment u inghata zmien ghar-risposta, liema risposta saret fl-14 ta' Novembru 2000 fejn jichad l-allegazzjonijiet maghmulha mill-attrici u jitlob li t-talba taghha tigi michuda.

Jinghad mill-bidu illi minkejja illi fl-interess suprem tal-minuri l-Qorti kienet forsi tikkonsidra talba bhal dik odjerna, talba ta' din in-natura trid tigi serjament issostanzjata. Dan ma sarx fil-kaz prezenti fejn il-provi li tressqu w it-trattazzjoni estensiva li saret mid-difensuri rispettivi kienu lkoll immirati ghat-tieni rikors. Ghal dawn ir-ragunijiet din it-talba, minghajr ebda gustifikazzjoni ohra hlief ghal dak allegat fir-rikors promotur li huwa kwazi kollu kontradett fir-risposta, hija michuda.

It-**<u>tieni</u>** rikors ta' l-attrici gie pprezentat fl-24 ta' Awissu 2000. Fih titlob ir-revoka *contrario imperio* ta' digriet moghti minn din l-istess Qorti fil-25 ta' Frar 2000 u r-revizjoni fil-hinijiet ta' l-access li l-omm ghandha ghaz-zewgt itfal minuri. Ghal dan ir-rikors saret ir-risposta tal-konvenut fl-20 ta' Settembru 2000 fejn jitlob li t-talba attrici tigi michuda. Kif inghat ir-rikors gie appuntat ghat-13 ta' Novembru 2000 u differit ghat-22 ta' Dicembru 2000 u rega' differit ghat-2 ta' Frar 2001 peress illi kien hemm possibbilita' ta' ftehim bonarju bejn il-partijiet (ara verbal tat-22 ta' Dicembru 2000). Il-ftehim bonarju ma sehhx

u fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2001 xehdet Sharon Balzan, l-ex-mara ta' Francis Attard li mieghu l-attrici qed tikkoabita. L-iskop ta' din ix-xhieda li giet prodotta mill-konvenut kienet biex turi li Frans Attard ma kienx persuna affidabbli mat-tfal peress li kien hemm allegazzjonijiet serji fil-konfront tieghu anke mat-tfal tieghu stess. Fir-rigward ta' din ix-xhieda minkejja illi l-Qorti qieset partijiet taghha b'dik is-serjeta' rikjesta, huwa ovvju li partijiet ohra huma stimulati b'certu animosita' li ghandha x-xhud versu l-ex-ragel taghha, fil-waqt li f'partijiet ohra din ix-xhud ma hijiex kredibbli peress illi l-Qorti ma temminx illi kieku kienet sejra tafda lill-istess Frans Attard biex jorqod mat-tfal u anke jzommhom meta siefret wara li hija kienet gia' taf b'diversi mill-incidenti li tallega li graw. Jinghad finalment f'dan ir-rigward illi l-allegazzjoni l-aktar serja hija fil-konfront tat-tifla minuri tal-koppja Balzan/Attard u mhux tat-tifel filwaqt illi l-minuri tal-koppja Farrugia huma t-tnejn subien. F'dan ir-rikors ix-xhud Balzan kienet l-unika xhud prodotta, minkejja illi, bhala prova, il-partijiet ipprezentaw diversi dokumenti. Ir-rikors gie ampjament ittrattat fis-seduta tal-4 ta' April 2001 liema trattazzjoni kompliet f'dik tad-9 ta' April 2001 f'liema seduta r-rikors baqa' differit ghad-digriet kamerali, liema digriet sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi diversi mill-fatturi li gew mensjonati mill-attrici fir-rikors odjern kienu gia' gew ittrattati minn din il-Qorti fid-digriet taghha fuq citat fejn, f'digriet ta' xejn anqas minn 22 pagna, kienet ezaminat il-kwistjoni tal-minuri ta' din il-koppja b'mod l-aktar dettaljat. Fl-ewwel lok ghalhekk issir riferenza ghal dan id-digriet u ghal motivazzjonijiet tal-Qorti hemm maghmulha. Huwa minnu illi mid-data tad-digriet fuq imsemmi setghu tbiddlu l-hinijiet ta' l-iskola tal-minuri, jew almenu ta' wiehed minnhom. Jidher ukoll, u dan huwa accettat mill-istess konvenut, li huwa kien qed ikun aktar flessibbli fil-hin ta' l-access u kien qieghed jippermetti access oltre minn dak moghti mill-Qorti. Dan fih innifsu mhuwiex daqstant rilevanti u ta' pregudizzju ghall-argumenti ta' l-istess konvenut. Huwa pero' rilevanti fis-sens illi jimminimizza l-effett ta' diversi mill-ilmenti ta' l-istess konvenut fl-oggezzjoni tieghu ghall-estensjoni fil-hinijiet ta' l-access. Fid-digriet tal-25 ta' Frar 2000 il-Qorti kienet ipprovdiet:

> "*Fil-fehma taghha pero' jista' u ghandu jizdied l-access illi t-tfal ikunu jistghu jorqdu ma' ommhom f'dawk il-granet illi t-terza persuna tkun "night work" meta din tinzerta s-Sibt*

*u dana fil-granet ta' l-iskola. L-attrici tista' wkoll traqqad lill-istess tfal maghha ghand il-genituri taghha kull nhar ta' Sibt jekk hija taghzel li taghmel hekk. Fil-granet tal-vaganzi tat-tfal mill-iskola dana l-access jista' jigi ezercitat bl-istess mod kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Erbgha, dejjem f'dawk il-granet li t-terza persuna tkun "night work" jew "night shift" jew ghand il-genituri ta' l-attrici. F'dawn il-kazijiet kollha l-hin ta' l-access ghalhekk jitkompla sal-ghada fit-8.30 a.m. u dan peress illi l-attrici gia' ghandha l-access fil-granet fuq indikati.*"

Hlief ghal xi tibdil kif sejjer jinghad il-Qorti thoss illi tlett darbiet fil-gimgha huma sufficjenti fejn l-omm tista', jekk trid, traqqad lill-minuri maghha. Biex dan pero' jsehh trid titnehha d-distinzjoni bejn fejn it-tfal ikunu bil-vaganzi u fejn ma humiex. Tul is-sena ghalhekk il-minuri jistghu jorqdu ma' ommhom it-Tnejn, l-Erbgha w is-Sibt <u>biss</u> f'dawk l-okkazzjonijiet fejn Frans Attard ikun *night shift* jew alternattivament fl-istess granet l-attrici tista' torqod mal-minuri ghand il-genituri taghha. Il-Qorti kellha wkoll ripensament marginali fuq il-hinijiet ta' l-access f'dawk il-granet fejn il-minuri ma jkunux sejrin jorqdu ma' l-omm ghax dehrilha principalment li meta l-minuri jkunu bil-vaganzi l-hinijiet ta' l-access huma pjuttost ristretti

konsiderat anke l-eta' tal-minuri llum. Fiz-zmien ghalhekk meta t-tfal ikunu bil-vaganzi l-access qed jigi estiz sat-8.00 p.m. kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgha w is-Sibt ovvjament f'dawk il-granet fejn it-tfal ma jkunux sejrin jorqdu ma' l-omm kif fuq spjegat. Ghall-kumplament id-digriet precedenti jibqa' fis-sehh kif ghadu fis-sehh it-twissija moghtija lill-partijiet.

L-ispejjes huma riservati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.